**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 05, l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2015.**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2015 fis-6.00 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**<u>Preżenti</u> (Seba' Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Vincent Bonello | Vici Sindku |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Louise Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Jurgen Carl Grixti | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

**<u>Talba</u>**

Il-Kunsillier Louise Portelli qalet it-talba

**01/01 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 3 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello talab li jiżdied il-paragrafu wara 'Il-Kunsillier Carmen Borg ġibdet l-attenzjoni li dawn il-persuni joffru s-servizz tagħhom sat-3.00p.m. u għaldaqstant il-ġnien se jingħalaq kmieni ħafna"….. "***Il-Viċi Sindku nfurma lill-membri li jista' jsir ftehim mal-persuna nteressata sabiex jaħdem flexi-hours***"

**Il-Minuti ġew approvati unanimament.**

**02 Punti li joħorġu mill-Minuti**

**02/01 Serata Mużiko-Letterarja**

Il-Kunsillier Louise Portelli nfurmat lill-membri li s-Sur Alfred Scicluna ma kienx ġie kkuntattjat mill-Kunsill għalhekk m'attendiex.

Is-Sindku faħħar is-Serata Letterarja u semma' li tkun ħaġa tajba jekk din is-Serata tikber. Il-Ħamrun għandu ħafna poeti u awturi u għandha tibda tinżamm kull sena u jiddaħħal xi żfin.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri semma' li huma mportanti li l-attivitajiet jiġu ppjanati minn qabel. Jifhem li kien hemm l-elezzjoni tal-Kunsill li tellfet xi ftit, iżda huwa mportanti li jkun hemm ippjanar.

Is-Sindku talab li l-Kunsilliera kollha jkunu preżenti fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill

**02/02 Triq id-Duluri**

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li filwaqt li jaqbel li t-triq tissebbaħ bi pjanti, hemmhekk hija zona xi ftit perikoluża, għaliex kemm-il darba kien hemm il-Pulizija jassistu f'xi argumenti bejn il-ġirien.

**02/03 Jum il-Ħamrun**

Is-Sindku Christian Sammut infurma lill-membri li s-Sur Claudio Cassar m'attendix għas-Serata tal-Għoti tal-Unuri, iżda jaċċetta r-rikonoxximent mogħti lilu mill-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerixxa li dan ir-Rikonoxximent jiġi ppreżentat f'attivita' oħra.

Il-Kunsillier Louise Tedesco ġibdet l-attenzjoni li fis-Seduta preċedenti hi ġiet imwaqqfa' milli tinnomina u mhux kellha l-impressjoni. Is-Sindku nfurmaha li hi ma ġietx imwaqqfa' iżda ġiet infurmata li n-nomini kienu magħluqin.

Il-Kunsillier Carmen Borg daħlet għal-laqgħa fis-6.30p.m.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk hemmx xi Bord għal Ġieħ il-Ħamrun u jekk hemmx ġurija tal-Konkors Qalb San Ġorġ Preca. Is-Sindku ta spjega tal-Konkors Qalb San Ġorġ Preca. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li l-Ġurija tal-Konkors Qalb San Gorg Preca hija ffurmata minn żewġ persuni esperti fil-qasam edukattiv, li huma s-Sinjura Josephine Bugeja u s-Sur Lawrence Muscat.

Is-Sindku nfurma lill-membri li d-deċiżjoni tal-Ġurija hija finali.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ppropona li jiddaħħlu żewġ membri oħra fil-Bord tal-Ġurija.

Il-Kunsill approva din il-proposta.

Is-Sindku ppropona li jinħatar Kumitat iffurmat minn persuni jew membri tal-għaqdiet sabiex jaħdmu sett ta' Regolamenti għal dan il-ġieħ, sabiex kollox ikun ċar għal kulħadd, meta titressaq nomina.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li l-membri tal-Għaqdiet jista' jkollhom kunflitt ta' nteress. Is-Sindku fisser li dawn mhux se jiddeciedu lil min jingħata l-ġieħ, iżda t-tfassil tar-Regolamenti.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti jaqbel li jkunu nies awtonomi biex kull aspett tas-soċjeta' tkun involuta. Is-Sindku ppropona li din il-proposta tiġi diskussa mal-Kumitat Ħamrun Aħjar u jiproponu persuni huma. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello jaqbel li tinfetaħ għal kulħadd. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li jiġu nvoluti l-għaqdiet.

Is-Sindku ppropona li din il-kwistjoni tiġi diskussa mal-Kumitat Ħamrun Aħjar, il-Kunsill jieħu feedback mingħandhom u jiddeċiedi wara.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**02/04 Photocopier Antika tal-Kunsill**

Is-Sindku nfurma lill-membri li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Librara, s-Sinjura Sharon Mulvaney u flimkien iddiskutew l-użu ta' photocopier fil-Librerija Pubblika. Is-Sinjura Mulvaney infurmat lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv li hi kulma jkollha huwa photocopier żgħira għaliex hi ma jkollhix talbiet fi kwantita'.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-photocopier għandha tiġi mogħtija lill-Ħamrun Scouts Group.

Il-Kunsill approva din id-deċiżjoni.

**02/05 Tender Cleaning, Upkeep & Maintanance of Public Conveniences**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li s-Sejħa għall-Offerti tal-*Cleaning, Upkeep & Maintanance of Public Conveniences* dehret fil-Gazzetta tal-Gvern u The Malta Independent, kif mitlub fil-Liġi. Din is-Sejħa tagħlaq il-Ġimgħa 24 ta' Lulju 2015.

Ġie ffurmat il-Bord tal-Aġġudikazzjoni, li se jkun iffurmat mis-Sindku Christian Sammut, il-kunsillier Efrem Buttigieg u l-Kunsillier Carmen Borg.

**03 Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti**

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ fakkar li l-periklu tal-armatura mkissra fi Triq il-Kbira San Ġużepp għadu hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għaddiet reminder lis-Supretendent tal-Pulizija dwar dan il-każ. F'dan l-istadju se terġa' ssir reminder oħra.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri semma l-pjanti ta' ħdejn USTA Kebab Take Away fi Triq il-Kbira San Ġużepp, liema pjanti qed jostakolaw il-bankina. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li hu ħa l-inizzjattiva u kellmu darbtejn u sa kkuntattjah bit-telephone, iżda kollox baqa' kif kien. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi rapport formali lill-Pulizija tad-Distrett, sabiex tittieħed azzjoni.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri dwar l-applikazzjoni tal-iSkema għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi, fejn hu flimkien mas-Sindku ltaqgħu mal-Kappillan u ddiskutew r-restawr fuq il-Kappella tas-Samra u l-Kappella ta' Porto Salvo. Ġie miftihem li l-Kappella ta' Porto Salvo għandha bżonn aktar urġenti ta' restawr. Minħabba l-fatt li l-Kunsill huwa obbligat jissottometti applikazzjoni waħda biss, qabel il-laqgħa tkellem mas-Sur Max Farrugia sabiex iħejji rapport dwar l-aspett storiku tal-Kappella ta' Porto Salvo sal-aħħar tax-xahar, liema rapport se jkun anness mal-applikazzjoni tal-Kunsill, sabiex ikollha aktar saħħa quddiem il-Bord ta' Evalwazzjoni.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li tkellmet mal-Monsinjur responsabbli mill-Kappella tas-Samra li ġibdilha l-attenzjoni dwar rampa li kien ġie mwiegħed li se jsir xogħol fuqha. Il-Viċi Sindku nfurma lil Carmen li kellha ssir rampa tal-injam u l-Kunsill ikompli biċċa bil-konkos. Din ir-rampa kellha ssir fil-ġenb tal-Kappella għaliex iz-zuntier huwa skedat u ma jistax jintmiss.

## 04 Quarterly Performance Financial Report

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Quarterly Performance Financial Report, bejn Jannar 2015 – April 2015, imħejji mill-Accountant tal-Kunsill, liema rapport juri li l-Kunsill kellu Surplus.

Il-Kunsill approva l-*Quarterly Performance Financial Report.*

## 05 Tender Purchase of Five (5) Desktop Computers for the Hamrun Local Council

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda t-tender documents mitfugħa fit-13 ta' Frar 2015, għax-xiri ta' 5 Computers għall-Uffiċċji tal-Kunsill, minħabba l-fatt li dawk li qed jintużaw mill-istaff fil-preżent huma antiki u mhux qed ikunu effiċjenti.

Is-Sindku ppropona li minflok jinxtraw 5, jinxtraw 3 computers.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ssuġerixxa li wieħed minhom jibda jintuża mill-Kunsilliera jew mill-pubbliku, għal dawk it-tfal li ma jaffordjawx computer id-dar.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li huwa perikoluż li computers jintużaw mill-pubbliku għaliex l-uffiċċji ma jippermettux li dawn il-persuni jkunu sorveljati l-ħin kollu.

Ġie deċiż li ssir evalwazzjoni mmedjata tat-tenders, mill-Kunsilliera esperti fl-I.T., Antonello Cuschieri, Jurgen Carl Grixti u Efrem Buttiġieġ. Wara li ġew evalwati t-tender documents kollha, ġie deċiż li l-kompjuters jinxtraw minn Intercomp Ltd, għaliex offrew Garanzija ta' 3 Snin.

## 06 1 Hr Parking Scheme fi Triq il-Kbira San Ġużepp

Is-Sindku spjega x'kien seħħ waqt il-laqgħat mar-residenti u mas-Settur Kummerċjali u l-Kunsill ħa ħsieb jikkuntattja lil Transport Malta. Transport Malta infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li '*Kindly be informed that currently permits for parking schemes are not being processed. The Hamrun scheme was suspended on request by the council. Such schemes will be considered when the revised Car Parking Policy is launched.'*

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fisser li huwa mportanti li r-residenti u s-sidien tal-ħwienet ikunu nfurmati b'din id-deċiżjoni.

Is-Sindku Christian Sammut ipporona li l-Kunsill jitkellem mas-Settur Kummerċjali u jikkontribwixxu f'attivitajiet u anke estetikament, billi jirranġaw il-faċċati tagħhom. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello spegja li kif ġew l-affarijiet se ngħidu lir-residenti u lis-sidient tal-ħwienet li hemm ruling. Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello qal li tal-ħwienet ħolqu opportunitajiet ta' ċertu skemi, bħal ta' żmien il-Milied, fejn fosthom is-Sur Reginald Fava għaqqad kumitat għas-Settur Kummerċjali, bħala ġara fil-Belt Valletta, fejn ħolqu kumitat u mhux involut il-Kunsill. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti fisser li tal-ħwienet għandhom jifhmu li dawn qed jikkompetu fuq bażi nazzjonali u mhux bejniethom. Għaldaqstant huwa mportanti li l-Kunsill iħeġġiġhom jipparteċipaw fl-attivitajiet u inizzjattivi oħra li jiġu organizzati minn żmien għal żmien. Is-Sindku semma l-importanza li l-ħwienet tal-area tal-Blata l-Bajda jingħataw prijorita wkoll. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ppropona li tintbagħat ittra ta' nformazzjoni. Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-ħwienet u ninfurmawhom b'dan kollu.

Għaldaqstant ġie deċiż li l-laqgħa tinżamm, it-Tlieta 30 ta' Ġunju fis-7.30p.m.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fisser li waqt il-laqgħa ħareġ il-punt tal-proġett ta' Pjazza San Pawl, fejn ir-residenti enfasizzaw l-użu ta' din il-pjazza. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fisser li issa hemm tlett membri ġodda u Kunsill ġdid u l-Kunsill għandu jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu dwar dan il-proġett.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ fisser li qed ikun hemm ħafna tgergir mir-residenti u m'hemmx naħat jew kuluri. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jiddiskuti din il-kwistjoni.

Is-Sindku Christian Sammut saħaq li l-Kunsill għandu jara fhiex wasal il-proġett mal-MEPA u jiddiskuti din il-Kunsill. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fisser li huwa mportanti li l-Kunsill jirrevoka l-pożizzjoni tiegħu u l-Kunsill preżenti jieħu pożizzjoni u ma jkun marbut mad-deċiżjoni tal-MEPA.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tinvestiga f'hiex waslet l-applikazzjoni tal-proġett.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li qed jaraha stramba kif qed jiġi diskuss il-parkeġġ bil-ħin fi Triq il-Kbira San Ġużepp u f'daqqa waħda s-suġġett dar fuq il-Pjazza. Kien hemm persuna li qalet 'Ejja nsalvaw Strada Rjali'. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ preċiża 'Pjazza'. Il-Viċi Sindku spjega li kien hemm il-ħsieb li l-konki ta' quddiem il-gabbana jkunu parti mill-proġett u fil-fatt il-Kunsill m'għamilx ix-xogħol ta' rħamar fuq il-konki. Meta ġiet ippreżentata l-pjanta tal-proġett, kien hemm built in għal parking.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri enfasizza li għandha ssir diskussjoni dwar dan il-proġett. Il-Viċi Sindku fisser li dan huwa proġett prestiġġjuż għall-Ħamrun. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa x'tip ta' feedback kellu l-Viċi Sindku mingħand ir-residenti. Il-Viċi Sindku spjega li l-*feedback* li kellu kien li dan il-proġett ġie ppreżentat ħażin, għaliex ir-residenti ġew żgwidati, mill-media u minn dak imxandar fuq it-televixin. Il-Kunsillier Louise Portelli staqsiet, jekk bil-proġett kif propost, tal-parkeġġ, hux se jitwaqqaf l-abbuż ta' parking illegali.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ enfasizza li huwa kontra li jittieħed spazju mill-Pjazza.

F'dan l-istadju s-Sindku propona li l-Kunsill għandu jara l-proġett, jiltaqa' mal-iżviluppatur u jara x'tip ta' kontribut jista' jagħti lura lejn il-Pjazza.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri saħaq li għandu jittieħed vot u jirrevoka l-pożizzjoni tal-Kunsill u jaqbel mal-pariri tas-Sindku, għaliex dan il-Kunsill għandu piż ta' deċiżjoni ta' Kunsill ieħor. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fisser li hu ma jaqbilx kif saru l-affarijiet.

Is-Sindku ppropona li tissejjaħ Laqgħa jew tkun fl-Aġenda tal-Laqgħa li jmiss. Il-Viċi Sindku stasqa jekk din hux se twassal għal deċiżjoni tal-Kunsill jew hux se jkun hemm Public Hearing. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li huwa mportanti li leħen ir-residenti jinstema' fuq proġett kbir bħal dan.
Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti jaqbel li l-Kunsill jiltaqa' mal-iżviluppatur, filwaqt li l-Kunsillier Louise Portelli saħqet li hi ma kinitx parti mill-Kunsill preċedenti u għaldaqstant għandha dritt tkun taf.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li jittieħed vot sabiex taqa' d-deċiżjoni u jibdew diskussjonijiet dwar dan il-proġett. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jerġa' jiltaqa' u jiddiskutu fuq l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fisser li huwa mportanti li l-Kunsill jisma lill-iżviluppatur u lir-residenti. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li l-applikazzjoni saret u tinsab għand il-Case Officer tal-MEPA għal deċiżjoni, għaldaqstant huwa mportanti li l-Kunsill jiddiskuti mingħajr dewmien. Il-Kunsillier Cuschieri semma' l-każ li

seħħ dwar il-bini approvat f'Ħal Lija, fejn il-Kunsill u r-residenti oġġezzjonaw u l-proċess twaqqaf mill-MEPA.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello infurma lill-membri li f'dan l-istadju, kieku għadu Sindku hu, dan il-każ huwa magħluq.

Il-Kunsillier Carmen Borg talbet li tkun skużata mil-laqgħa. Il-Kunsillier Borg ħarġet mil-laqgħa fit-8.15p.m.

**07 Festival taċ-Ċikkulata 2015**

Is-Sindku nfurma lill-membri li ltaqa' mas-Sur Andrew Farrugia u lis-Sur Mario Camilleri dwar il-Festival taċ-Ċikkulata ta' din is-sena, fejn is-Sur Farrugia wera x-xewqa li jaħdem separatament minn mas-Sur Camilleri.

Is-Sindku nfurma lill-membri li s-Sur Andrew Farrugia ikkonferma l-interess i jaħdem l-arti taċ-Ċikkulata, filwaqt li s-Sur Camilleri kkonferma s-sehem tiegħu fl-organizzar tal-Festival. F'dan l-istadju, s-Sindku talabhom stima tal-ispejjeż li se jkunu qed jitolbu lill-Kunsill.

Is-Sindku spjega li huwa mportanti li l-Kunsill ikollu kollox bil-miktub minn A-Z u jekk ma jiġix eżegwit dak li hemm miktub, jonqoslu mill-fee, bħala penali.

Dan japplika wkoll fil-każ tas-Sur Camilleri, fejn jekk se jkun hemm stands li l-Kunsill ma jkunx approva, tonqoslu mill-pagament, bħala penali.

Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-għaqdiet sabiex jinvolvu ruħhom aktar fil-festival, mhux biss billi jarmaw stand, izda jiftħu s-sedi tagħhom għall-pubbliku. Is-Sindku nfurma wkoll li tkellem mal-Kappillan dwar dan u l-Kappillan wera l-interess li jiftaħ il-Knisja u jagħmel mawriet fil-Knisja.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li huwa mportanti li l-Kunsill jiddiskuti mas-Sur Andrew Farrugia sabiex jaħdem fuq affarijiet relatati mal-Ħamrun. Is-Sindku fisser li għalissa għadu kmieni, iżda s-Sur Farrugia diġa għandu xi ideat. Barra minhekk, is-Sur Farrugia se jkun qed jinvolvi artisti oħrajn miegħu.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk din is-sena, il-Festival hux se jsir fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sindku fisser li l-idea hi li jintużaw it-toroq sekondarji. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issuġerixxa li jiġu launched attivitajiet fl-area tal-Kunċizzjoni u tal-Blata l-Bajda.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello rrimarka li, mingħajr ma jnaqqas il-mertu lis-Sur Mario Camilleri, jħoss li għandha tinħareġ sejħa għall-ko-ordinatur tal-Festival taċ-Ċikkulata. Is-Sindku nfurma lill-membri li jkun opportun jekk il-Kunsill jistenna l-proposti tas-Sur Mario Camilleri.

**08 Skeda ta' Ħlasijiet**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

**09 Korrispondenza**

***09/01 Talba għal-Loading/Unloading Bay – Alfred Mc Kay***

Il-Kunsill qabel li jressaq din it-talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta

***09/02 Talba għal-Loading/Unloading Bay – Kevin Ellul***

Il-Kunsill qabel li jressaq din it-talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta

***09/03 Talba għal Toqob tal-Festa mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp***

Il-Kunsill qabel li jikkuntattja l-Għaqda Mużikali San Ġużepp u l-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jikkordinaw ix-xogħol flimkien

***09/04 Reklamar għal Festa – Għaqda Armar Liberty***

Il-Kunsill approva n-nefqa tar-reklam għal fuq il-Ktieb tal-Festa.

***09/05 Reklamar għal Festa – Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni***

Il-Kunsill approva n-nefqa tar-reklam għal fuq il-Ktieb tal-Festa.

***09/06 Talba għal tappieri ġodda għal festa***

Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir mill-għaqda u l-ispejjeż ta' xiri ta' tappieri issir mill-Kunsill

**10 Ħwejjeġ Oħra**

***10/01 Talba mill-Pulizija tad-Distrett – Installar ta' Bollards fit-Toroq***

Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li kien hemm diskussjoni sabiex waqt l-attivitajiet li jiġu organizzati, minflok ikun hemm Pulizija ma' kull Closing Point, jiġu nstallati Bollards. Għaldaqtant issuġġerixxa li jinġabru stimi għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel unanimament.

***10/02 Traffic Management Triq Wenzu Mallia***

Is-Sindku ppropona laqgħa mar-residenti tal-area ta' Triq Wenzu Mallia sabiex jiddiskutu t-Traffic Managment tal-Akwata.

Ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa matul ix-xahar ta' Lulju.

***10/03 Għotja ta' € 1000 mir-Reġjun Nofsinhar***

Is-Sindku nfurma lill-membri li r-Reġjun Nofsinhar offra s-somma ta' €1000 sabiex jintużaw għal-Librerija Pubblika. Is-Sindku fisser li dawn il-fondi se jintuza għal tibdil ta' dawl, xkaffar, kotba eċċ. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ppropona li titqassam ittra ta' nformazzjoni dwar il-librerija bħal ħinijiet ta' ftuħ eċċ. Is-Sindku ppropona li ssir pubbliċita fuq il-paġna tal-Facebook 'Il-Ħamrun'.

***10/04 Magazine – Il-Ħamrun***

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera kollha sabiex jippreparaw l-artiklu tagħhom għal magazine tal-Kunsill

***10/05 Qari tal-Prova fil-Malti***

Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill iqabbad persuna għal Proof Reading tal-Malti. Għaldaqstant għandhom jinġabru stimi għal dan is-servizz.

***10/06 Reklamar fuq Għamara tat-Toroq***

Is-Sindku nfurma lill-membri preżenti li avviċinatu Kumpanija dwar reklamar fuq il-ħadid li għandna madwar il-Ħamrun, fejn identifikat 25 punt u lesti joffru s-somma ta' € 1200 fuq kull waħda fis-sena. Għaldaqstant il-Kunsill se jkun innotifikat b''dawn il-25 point u tittieħed deċiżjoni dwarhom. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li r-reklami jiġu approvati mill-Kunsill qabel jiġu nstallati.

***10/07 Tender - Ġbir ta' Skart Imħallat***

Is-Sindku ssuġġerixxa li titqabbad persuna esperta sabiex taħdem id-dokument tat-tender, liema dokument huwa wieħed iebes. Il-Ħlas għal dan ix-xogħol huwa ta' €500 għat-tfassil. Il-Kunsill approva li jiltaqa' mal-kumpanija/persuna nvoluta sabiex issir diskussjoni dwar dan.

***10/08 Servizz Extra ta' Knis***

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li ftit tal-ġranet qabel, flimkien mas-Sindku, ltaqa' mal-Kuntrattur tal-Knis u ssuġġerew li ssir Kinsa nhar ta' Ħadd, bir-rotta tkun Triq il-Kbira San Ġużepp, minn Pjazza San Pawl sal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu bi spiża ta' €59 fil-ġimgħa, liema spiża tammonta għal total ta' €3068 fis-sena. Wara diskussjoni li kellhom mal-Kuntrattur intlaħaq qbil li dan ix-xogħol isir bi spiża ta' €49 fil-ġimgħa. Il-Kunsillier Buttiġieġ issekondat mis-Sindku jemmen li huwa mportanti li dan is-servizz jingħata għaleix is-Sibt filgħaxija jkun hawn caqliqa fil-Ħamrun.

Il-Kunsill approva din in-nefqa.

***10/09 Użu tas-Sala***

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sinjura Joanne Cauchi, omm Gaia Cauchi, dwar l-użu tas-sala fl-24 ta' Ġunju 2015 u fl-14 ta' Lulju 2015.

Il-Kunsill approva li s-sala tintuża għal din il-laqgħa.

***10/09 Talba għal Bus Shelter***

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li r-residenti tal-akwata ta' Lidl qed jitolbu li jsir Bus Shelter.

***10/10 Triq Lord Byron***

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa x'se jsir mit-talba li kienet saret dwar Triq Lord Byron li ssir One-Way.

***10/11 Dar Abbandunata fi Triq Mimosa***

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li fi Triq Mimosa hemm dar abbandunata mimlija ħmieġ. Il-Kunsill qabel li jsir rapport mis-Sanita'.

***10/12 Bus Stops fi Triq il-Kbira San Ġużepp, lejn il-Blata l-Bajda***

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li ġie avviċinat mir-residenti tal-area tal-Blata l-Bajda sabiex issir talba u wieħed mill-bus stops li hemm ħdejn l-ex Radio City jitneħħa għaliex m'għadux jintuża. B'hekk jinħolqu aktar spazji għal parkeġġ. Il-Kunsill qabel li titressaq talba quddiem Transport Malta.

***10/13 Talba għall-installar ta' Mera ġdida fi Triq Ħal Qormi***

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti talab li l-Kunsill iressaq talba lil Transport Malta sabiex tiġi nstallata mera fi Triq Ħal Qormi sabiex dawk il-vetturi li jkunu neżlin minn Triq Atocia ikollhom viżwal tal-vetturi li jkunu ġejjin direzzjoni Marsa lejn Ħamrun.

***10/14 Triq San Gejtanu***

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti infurma lill-membri li sar xogħol minn kuntrattur u tħalla ħafna ħmieġ. Jeħtieġ li jsir tindif. Barra minhekk is-sinjali tat-traffiku tgħattew.

***10/15 Dairies għall-Kunsillier***

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ssuġġerixxa li għas-sena d-dieħla l-Kunsilliera jkollhom diary kull wieħed. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issekonda din il-proposta.

***10/16 Laqgħa mal-Malta Films Commission***

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li s-Sotto Kumitat tiegħu ddiskuta proposta sabiex issir laqgħa mal-Malta Films Commission dwar il-possibilita' li jiġi organizzat Short Films Festival li jiġu screened fil-lokalita'.

**08 Aġġornament**

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2015, fis-6p.m.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

DATA